**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2017**

**Talba Nru: 505/16 CZ**

**Luciano Bianco Ltd.**

**vs.**

**Gilbert Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-4 ta' Novembru 2016 u li permezz taghha premettiet:

Illi l-ammont ta' erba' mija u tnejn u sebghin Euro (€472) mitlub mill-attur jirraprezenta danni kkawzati mill-konvenut nhar l-10 ta' Novembru 2014 lill-propjeta' ta' l-attur, ossia

'steel railings' fil-fond Luciano Restaurant, Triq il-Merkanti, Valletta, rizultat ta' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Il-konvenut nonsostante l-ammissjoni tieghu li huwa debitur ghall-ammont dovut, u nonostante debitament interpellat permezz ta' ittra legali, baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta minkejja li deher quddiem it-Tribunal fis-seduti.

Sema' x-xiehda ta' PS 1297 Frederick Borg u Joseh Bonello Bianco prodotti mis-socjeta' attrici.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, ta' erba' mija u tnejn u sebghin Euro (€472) li jirraprezenta danni kkawzati mill-konvenut nhar l-10 ta' Novembru 2014 lill-propjeta' ta' l-attur, ossia 'steel railings' fil-fond Luciano Restaurant, Triq il-Merkanti, Valletta, rizultat ta' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi x-xhud PS 1297 prezenta r-rapport tal-Pulizija relattiv, filwaqt li x-xhud Joseph Bonello Bianco iddeskriva kif il-konvenut quq sewwieq ta' vettura li kienet trakk kbir ta' l-iskart, kien laqat xi taghmir li kien hemm faccata tal-hanut 'Luciano Restaurant', li jinsab faccata ta' l-istess hanut. Qal ukoll illi l-konvenut kien propona li jsewwi dan it-taghmir, senjatament railings, hu, u x-xhud kien accetta. Gara izda li l-konvenut baqa' jittratjeni u ma sewwa propju xejn. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta b'mod car illi kien il-konvenut waqt li kien qed isuq b'mod li kkawza hsara lis-socjeta' attrici. Irrizulta wkoll illi t-taghmir in kwestjoni intlaqat minhabba n-negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Illi t-Tribunal isib ghalhekk illi huwa l-konvenut li huwa unikament responsabbli ghall-hsara de quo, u ghad-danni direttament ikkawzati meta dahal bit-trakk in kwestjoni fit-taghmir propjeta' tas-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut stqarr kemm-il darba anke mal-Pulizija li kien ser jirranga l-hsarat minnu maghmula, izda baqa' m'ghamel xejn, tant li anke saret kawza kriminali kontrieh, fejn huwa ammetta l-akkuzi kontrieh (fol. 29 et seq.).

Illi xehed ukoll Daniel Mercieca li kkonferma li thallas l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici f'din il-kawza sabiex sewwa l-hsarat, u ghalhekk anke l-ammont mitlub huwa materjalment pruvat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin Euro (€472) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv.  L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur